MALTA

ATT Nru. XIX ta' l-1997

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, Kap. 29.

ACT No. XIX of 1997

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Industrial Property (Protection) Ordinance, Cap. 29.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

Ugo Mifsud Bonnici
President

1 ta' Awissu, 1997

ATT Nru. XIX ta' l-1997

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, Kap. 29.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 19 tal-liġi prinċipali.

2. Minflok is-subartikoli (1) ta' l-artikolu 19 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Hekk kif l-ispeċifikazzjoni kompluta tiġi aċċettata, jew, fil-każ ta' appell, hekk kif tiġi ddikjarata mill-Qorti bħala aċċettabbli, il-Kontrollur għandu jgħarraf l-aċċettazzjoni b'avviż fil-Gazzetta jew f'kull pubblikazzjoni uffiċjali oħra li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista' b'avviż fil-Gazzetta jordna.".

Jissostitwixxi l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali.

3. Minflok l-artikolu 87 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Avviżi tat-talba

87. Kull talba għar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* għandha tiġi mill-aktar fis, imxandra mill-Kontrollur, b'avviż fil-Gazzetta jew f'kull pubblikazzjoni uffiċjali oħra li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista' b'avviż fil-Gazzetta jordna.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 108 tal-Gimgħa, 25 ta' Lulju, 1997.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.